# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 36**

**Citazzjoni numru 333/03 SM**

**Joseph Seychell u martu Joan Seychell**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Brigadier tal-Forzi Armati ta' Malta**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fl-istess kawza) moghtija fil-11 ta' Ottubru 2012 u 30 ta' Jannar 2013 illi ghall-ahjar intendementi qed jigu riprodotti;

**Sentenza tal-11 ta' Ottubru 2012**

"Rat ic-citazzjoni promotrici datata t-2 t'April, 2003 li permezz taghha l-atturi sintetikament ippremettew is-segwenti:

"1. Illi l-attur Joseph Seychell kellu l-grad ta' "*Gunner*" mal-Forzi Armati ta' Malta u jahdem mar-*Revenue Security Corps*;

"2. Illi waqt li fl-4 t'April, 2001, l-attur de quo kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu fi hdan l-imsemmija Forzi
Armati hu sofra danni meta kien ser jirkeb il-vettura tal-armata li ggib in-numru ta' registrazzjoni GVA – 111;

"3. Illi b'konsegwenza tal-istess incident l-attur de quo sofra dizabilita` permanenti kif stabbilita mill-espert ortopediku minnu hemm indikat u konsegwenza tal-istess, anke tilef ix-xoghol;

"4. Illi l-incident in dizamina u d-danni konsegwenzjali ghall-istess sehhew unikament tort u htija tal-konvenut Brigadier minhabba li naqas li jiehu dawk il-mizuri u prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident de quo;

"5. Illi ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur, l-imsemmi konvenut baqa' inadempjenti, u ghalhekk, kellha tittiehed din il-procedura;

"Illi in vista tal-premess, l-attur ghalhekk aderixxa din il-Qorti biex il-konvenut jghid ghaliex din m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara lill-Brigadier konvenut unikament responsabbli ghall-incident tal-4 t'April, 2001, li sehh waqt il-hin tax-xoghol u li konsegwenza tieghu l-istess attur sofra danni fuq il-persuna tieghu;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata;

"4. Bl-ispejjez, inkluza dawk tal-ittra ufficcjali datata s-7 ta' Marzu, 2003, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-20 t'Ottubru, 2003, li permezz taghha l-konvenut eccepixxa sintetikament is-segwenti:

"1. Illi l-allegazzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hu l-istess attur li hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;

"2. Illi m'ghandux ibati spejjez;

"Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-15 t'April, 2004, li permezz tieghu nnominat bhala espert mediku lill-kirurgu Charles Grixti bil-fakoltajiet kollha soliti, inkluz li jisma' xhieda bil-gurament;

“Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-2 t’April, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma’ x-xhieda tal-espert hemm ukoll indikat;

“Rat ir-rapport minghajr data u timbru ufficcjali, pprezentat mill-assistent gudizzjarju li permezz tieghu, infurmat lill-qorti li l-inkarigu moghti lilha kien ezawrit u li ghalhekk irritornat il-process lill-qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza, (ara fol 72);

“Rat il-verbal tal-partijiet datat l-10 ta’ Gunju, 2011, li permezz tieghu qabblu li x-xhieda gia mismugha minn din il-qorti diversament preseduta tittiehed daqs li kieku giet mismugha minn din l-istess qorti kif issa preseduta, (ara fol 105);

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati l-21 ta’ Marzu, 2012, u l-4 ta’ Mejju, 2012;

“Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-1 ta’ Gunju, 2012, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu ser jirrimettu ruhhom ghan-noti ta’ sottomissjonijiet fuq indikati;

“Rat id-dokumenti kollha esebiti;

“Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-vertenza in dizamina tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

“1. Illi fl-4 t’April, 2001, l-attur Seychell li kien fir-*Revenue Security Corps* kien hiereg flimkien ma’ kollega tieghu biex idur il-banek;

“2. Illi peress li l-vettura li kienet ser tintuza ghal dan kienet tintuza minn membri ohra tal-Forzi Armati, l-istess attur hass li kellu jiccekjaha biex jara jekk din kellhiex zejt tal-brejkijiet u ilma fir-*radiator*;

“3. Illi hekk kif l-attur kien ser jitla’ fl-imsemmija vettura li hi tal-marka *Land Rover* bin-numru fuq gia` ndikat, dan zelaq “peress li ma’ l-art kien hemm hofra”;

“4. Illi biex jirreagixxi ghall-akkadut l-istess attur isostni li mbaram u li ghalkemm ipprova jzomm bi spalltu, l-isforz li ghamel ma serva ghal xejn hlief li minhabba fih qala’ spalltu;

“5. Illi l-attur isostni li ma setax jara l-hofra de quo liema hofra kienet il-kawza tal-incident in dizamina;

"6. Illi rizultat tal-istess, l-attur intbaghat mis-superjuri tieghu ghand it-tabib tar-rigment li wara li ezaminah u nfaxxah, infurmah li kellu xi laham maqsum;

"7. Illi wara li rizultat tal-istess, idejn l-attur bidet issir vjola u minhabba f'hekk intbaghat l-isptar;

"8. Illi fl-isptar ittiehdulu xi *X-rays* u gie nfurmat li kellu xi haga fil-ligamenti tieghu;

"9. Illi nonostante li l-attur baqa' jmur ghal xi kura l-isptar, ma jirrizultax li min hemm ha xi sodisfazzjoni tant li t-tabib privat tieghu sfortunatament tah parir jirrikorri ghand specjalista privat;

"10. Illi meta gie ezaminat minn dan it-tabib riferit mill-attur fix-xhieda tieghu a fol 16, gie nfurmat li kagun tal-incident de quo hu kellu l-muskolu l-kbir maqtugh u li peress li issa kien ghadda z-zmien, ma seta' jaghmillu xejn;

"11. Illi l-attur ghadu sal-lum isofri mill-istess incident billi hekk kif jgholli jdejh iweggghu l-muskolu de quo u allura, m'ghadx ghandu l-uzu komplet ta' jdejh billi jekk jgholliha jwegga';

"12. Illi di piu`, meta wara dan kollu l-attur irritorna ghax-xoghol fil-Forzi Armati, sab li dawn qatghulu xahrejn paga – ghalkemm jidher li wara xi zmien tawhomlu;

"13. Illi ghalkemm meta ntavola l-procedura odjerna l-attur kien ghadu membru tal-Forzi Armati, m'ghadux jaghmel l-istess tip ta' xoghol;

"14. Illi fid-depozizzjoni sussegwenti tal-istess attur ampjament seba' (7) snin wara l-ewwel wahda, jirrizulta b'mod aktar car li l-hofra riferita kienet effettivament fit-tarmac u mhux fil-vettura kif wiehed seta' jiehu l-impressjoni mill-ewwel depozizzjoni;

"15. Illi effettivament din il-hofra kienet fejn jigu pparkjati l-*Land Rovers* iz-zghar, u kien hu u diehel fil-vettura de quo li tfixkel fil-hofra – habat mal-bieba u qala' spalltu;

"16. Illi skont l-istess attur, is-suldati kienu jigbdu l-attenzjoni tas-superjuri taghhom anke b'rapporti skritti, ghall-hofor fit-tarmac u kienu wkoll jghidulhom li perikoluzi, izda kien ghal kollox inutili;

"17. Illi wara l-incident de quo l-attur kien ordnat imur jispara fuq ir-*"ranges";*

"Ikkunsidrat:

"Illi skont ir-relazzjoni medika tal-espert kirurgu mahtur appozitament minn din il-qorti diversament preseduta gie sintetikament relatat is-segwenti:

"1. Illi meta l-attur kien ser jirkeb il-vettura in dizamina lewa l-gharqub tal-lemin f'hofra fl-art;

"2. Illi rizultat tal-istess, l-attur tilef il-bilanc u waqt li waqa' habat spalltu l-leminija mal-bieba tal-vettura in dizamina;

"3. Illi meta gie medikat superficjalment fil-"*barracks*" tas-suldati fejn kien u wara fl-isptar, gie nfurmat li ma kellux ksur izda ferita fil-ligamenti u gie ndirizzat ghall-fizjoterapija;

"4. Illi nonostante ghoxrin (20) gurnata ta' fizjoterapija l-attur baqa' migugh;

"5. Illi meta kien kostrett jara kirurgu privat, gie nfurmat li effettivament fl-incident de quo kien carrat muskolu minn spalltu;

"6. Illi f'Mejju, 2004, l-attur sofra trombosi f'mohhu;

"7. Illi b'rizultat tal-incident ikkagunat mill-hofra fl-art, l-attur ma setax juza jdejh fl-ampjezza kollha mixtieqa u b'rizultat tal-istess la seta' jaqta' l-hobz, la seta' jiftah il-bieb tad-dar, u lanqas ibajjad kif kien jaghmel qabel;

"8. Illi mid-diversi ezamijiet medici kondotti fuqu, jirrizulta lill-perit tekniku nominat, li kagun tal-incident de quo l-attur:

"i. Carrat il-muskolu "*pectoralis maior*" u parti mill-muskolu tal-bicipiti;

"ii. Kellu l-funzjoni tal-muskolu de quo mehuda mill-muskolu ta' madwaru;

"iii. Irkupra allura l-movimenti kollha tal-ispalla l-leminija – ghalkemm dan ikun akkompanjat minn ugiegh meta jaghmel sforz zejjed;

"iv. Is-sahha f'dawn il-movimenti rriduciet ruhha meta pparagunata mal-pozizzjoni qabel l-incident;

"9. Illi rizultat tal-analizi fuq riprodott, l-istess espert tekniku nominat ikkonkluda li l-attur effettivament sofra dizabilita` ta' 4% (erbgha fil-mija), (ara fol 26);

"Ikkunsidrat:

"Illi ghalhekk, tenut kont tad-dinamika li rrizultat fid-dizabilita`riferita fil-paragrafu ta' qabel dan, din id-dizabilita` hi naxxenti mill-hofra fit-

tarmac li kien hemm fl-art fejn kienet il-vettura li fiha kien ha jirkeb l-attur biex imur fuq xogholu u jaqdi d-doveri tieghu;

"Illi di piu`, jirrizulta li s-superjuri tieghu kienu ilhom li ngibditilhom l-attenzjoni ghall-istat tat-triq in dizamina u dawn xorta njoraw tali lamenti;

"Illi ghalhekk in-nuqqas ta' reazzjoni ghall-istess da parti tal-Forzi Armati jpoggi lill-istess f'pozizzjoni nkriminanti stante li effettivament biex tali nuqqas u inattivita` li attwalment wassal impjegat inerm biex isofri d-dizabilita` riskontrata;

"Ikkunsidrat:

"Illi pero`, ghandu jigi rilevat li nonostante l-perjodu ezageratament twil li hadet din il-procedura l-istess attur naqas jipproduci provi sufficjenti rigwardanti l-ammont ta' danni minnu vantati;

"Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi t-talbiet tal-konvenut Brigadier, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

"1. Tiddikjara lill-Brigadier konvenut unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh fl-4 t'April, 2001, li sehh waqt il-hin tax-xoghol u li konsegwenza tieghu l-istess attur sofra danni fuq il-persuna tieghu fi grad ta' erbgha (4) fil-mija;

"2. Illi pero`, fin-nuqqas ta' provi rigwardanti l-kwantum ta' danni – lucrum "*lucrum cessans*" kif ukoll "*damnum emergens*" – li jistghu jigu riskontrati, qed tirriserva li tipprovdi fir-rigward wara li l-partijiet iressqu l-pozizzjonijiet taghhom fir-rigward;

"Ghaldaqstant, filwaqt li tirriserva wkoll il-pozizzjoni taghha rigwardanti t-talbiet l-ohra attrici, tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza;

"Tirriserva finalment li tappunta l-istess kawza ghall-kontinwazzjoni wara li tisma' lir-rapprezentanti tal-partijiet".

## Sentenza tat-30 ta' Jannar 2013

"Tirrileva li din hi stralc tas-sentenza fil-meritu gia` moghtija minn din l-istess qorti fil-11 t'Ottubru, 2012;

"Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti datat ukoll il-11 t'Ottubru, 2012, fejn talab li jinghata l-fakulta` li jipprezenta nota kontenenti d-danni pretizi mir-rikorrenti;

"Rat il-verbal taghha konsegwenti ghall-istess talba fejn awtorizzat lir-rikorrenti jipprezenta l-imsemmija nota bil-visto tal-kontroparti li jkollu sad-9 ta' Jannar, 2013, ghar-risposta;

“Rat is-sentenza *in parte* fl-ismijiet fuq indikati fejn wara li ddecidiet dwar ir-responsabbilita` ghall-incident meritu tal-procedura odjerna, irrizervat il-pozizzjoni taghha rigwardanti t-talbiet l-ohra attrici;

“Rat in-nota tal-attur Joseph Seychell datata l-24 t’Ottubru, 2012, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

1. “Illi d-danni sofferti mill-attur fil-kaz in dizamina huma mqassmin bil-mod segwenti:

i. “*Damnum Emergens*:

“Sittin Ewro u tmienja u hamsin centezmu, (€60.50), skont ricevuti fiskali debitament rilaxxati skont il-ligi;

ii. “*Lucrum Cessans*:

“Disat elef, disa’ mija, disgha u ghoxrin Ewro u hames centezmi, (€9,929.05), kif ikkalkolati fl-istess nota fuq riferita;

2. “Illi konsegwentement l-ammont totali nvolut jammonta ghal disat elef, disgha mija u disgha u tmenin Ewro u tlieta u sittin centezmu, (€9,989.63);

“Rat in-nota tal-intimat datata d-9 ta’ Jannar, 2013, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

1. “Illi l-istess nota giet ipprezentata minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-istess intimat rigwardanti l-incident *de quo*, u konsegwentement m’ghandhiex tigi nterpretata bhala xi ammissjoni fuq il-meritu gia` deciz;

2. “Illi rigward id-“*Damnum Emergens*” isostni s-segwenti:

i. “Illi r-ricevuti ghall-ammont rikjamat mir-rikorrenti qatt ma tressqu *in atti*;
ii. “Illi in vista tal-istess, dawn allura ma gewx ipprovati u konsegwentement din it-talba m’ghandhiex tigi milqugha;

3. “Illi rigward il-“Lucrum Cessans” isostni s-segwenti:

i. “Illi l-paga effettiva tar-rikorrenti mhix dik rikjamata minnu fin-nota tieghu fuq indikata izda dik ta’ erbat elef, mija u sebgha u erbghin Lira Maltija, (LM4,147.00), ekwivalenti ghal disat elef, seba’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro, u tmenin centezmu, (€9,722.80);

ii. “Illi l-“*overtime*” u l-“*allowances*” huma fakoltattivi diskrezzjonali – mhux awtomatici, oltre l-fatt li biex jinghataw jinhtieg li effettivament jinhadmu – haga li ovvjament ma saritx;

iii. "Illi l-"*multiplier*"uzat mir-rikorrenti ma japplikax stante li l-membri tal-Forzi Armati Maltin iservu sa massimu ta' hamsa u hamsin (55) sena – mhux kif minnu ritenut sa erba' u sittin (64) sena;

iv. "Illi *di piu`*, id-dizabilita` riskontrata ma tirrizultax li kienet wahda ta' natura permanenti;

"Ikkunsidrat:

"Illi in vista tas-sentenza parzjali fuq gia` ndikata tissottolinea li s-sentenza odjerna hi ghalhekk limitata ghad-danni riskontrati mill-imsemmi rikorrenti bhala rizultat tal-incident in dizamina;

"Ikkunsidrat:

i. "*Damnum Emergens*":

1. "Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti hu effettivament wiehed li fic-cirkostanzi facilment jigi meqjus bhala "*de minimis*";

2. Ili skont ir-rikorrenti, dan isostni fin-nota tieghu fir-rigward, (ara fol 191), li l-ammont minnu mitlub hu suffragat "skont Dok A u Dok B li huma zewg ricevuti fiskali mahrugin minn Dr. Raymond Gatt";

3. "Illi fir-rigward, jirrizulta wara ricerka approfondita, li dawn iz-zewg dokumenti m'humiex *in atti*;

4. "Illi konsegwentement din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tqis li r-rikorrenti ma pprovax din it-talba partikolari tieghu skont il-ligi u qieghda ghalhekk tirrespingiha;

ii. ""*Lucrum Cessans*":

1. "Illi fir-rigward l-intimat jissolleva zewg (2) oggezzjonijiet:

a. "Wahda rigwardanti l-ammont ta' salarju percepit mir-rikorrenti;

b. "L-ohra rigwardanti t-tul ta' zmien li dan is-salarju seta' jigi percepit sal-pensjoni raggunta mir-rikorrenti;

2. "Illi rigward is-salarju annwali percepit mir-rikorrenti ghandu jinghad li dan jista' facilment jigi vizwalizzat billi dan jigi espost bi kjarezza fil-formola tat-taxxa, (ara fol 42);

3. "Illi skont l-istess formola ndikata fil-paragrafu precedenti jirrizulta bl-aktar mod univoku li s-salarju percepit hu dak indikat mill-intimat fin-nota tieghu fuq riferita – u mhux kif postulat mill-istess rikorrenti;

4. “Illi *di piu`*, anke fir-rigward tal-perjodu ta’ xoghol percepit mir-rikorrenti sal-pensjonament tieghu mill-Forzi Armati, il-pozizzjoni kif sostenuta mill-intimat fin-nota tieghu fuq indikata hi effettivament dik li attwalment tirrizulta skont il-ligijiet vigenti;

“Ikkunsidrat:

“Illi pero`, ghal dak li jirrigwarda l-permanenza tad-dizabilita` riskontrata fir-rikorrenti, din il-qorti tqis li l-esperti medici nvoluti esprimew ruhhom bi kjarezza fir-rigward, u konsegwentement filwaqt li tiddikjara li qed tistrieh fuq il-konkluzjonijiet medici taghhom li m’ghandha l-ebda kwalifika biex tikkontrasthom, (ara fol 19, 26 u 67), tiddikjara li d-dizabilita` riskontrata hi ghalhekk wahda ta’ natura permanenti;

“Ghaldaqstant, in vista tal-premess u tas-sentenza *in parte* fuq riferita:

1. “Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Joseph Seychell in konsegwenza tal-incident in dizamina fl-ammont ta’ disat elef, seba’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu, (€9,722.80);

2. “Tikkundanna lill-konvenut Brigadier tal-Forzi Armati ta’ Malta biex ihallas l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija konvenuti fuq riferiti;

3. “Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra l-imsemmi konvenut”.

Minn dawn is-sentenzi appella l-konvenut li qed jitlob ir-revoka taghhom u c-cahda tat-talbiet attrici; l-attur appellat qed jitlob il-konferma tas-sentenzi.

Il-Qorti ghalhekk l-ewwel se tikkonsidra l-aggravji lamentati mill-appellant

**L-ewwel u t-tieni aggravji** jirrigwardjaw appuntu r-responsabbilita` ghall-incident, mill-punto di vista fattwali u legali rispettivament. L-appellanti jsostni li kienet responsabbilita` tal-attur li jhares madwaru

ghaliex qal meta mistoqsi rax il-hofra li waqa' fiha illi "*dak il-hin ma tax kaz*". Ma hemmx dubju li l-incident sehh fi proprjeta` taht il-kontroll tal-appellant (fl-istess Barracks Hal Luqa fejn huma stazzjonati s-suldati – fol 15) u li fil-hin tal-incident l-appellat kien qieghed fuq xoghol.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 "*min ihaddem ghandhu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiem*" (ara **Bugeja v. Falzon** deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' April 1997 u **Desira v. Grech and Co. Ltd** deciza fit-30 ta' Mejju 2002).

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989). Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna v. C. Cini and Sons Ltd** - 27 ta' Gunju 2006 – Cit 348/02 TM) iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioe`:

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers*

ii. *the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers*

iii. *the employer must ensure that the precautions are available*

iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Caruana** (12 ta' Jannar 1983) min ihaddem irid ukoll izomm quddiem ghajnejh illi gieli l-haddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u ghalhekk ghandu jkun hemm sistema biex dawn l-izbalji ma jsirux. Dan kollu gie riprodott fis-sentenza fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijet **Anna Micallef v. Allchem Limited** (13 ta' Gunju 2007 – konfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009).

L-insenjament fil-kawza fl-ismijiet **John Sultana v. Francis Spiteri et noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979, fost ohrajn, illi "*min ihaddem kellu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem kien wiehed li kellu jigi segwit u applikat f'kawza tax-xorta taht ezami*". - **Carmelo sive Charles Galea v. Albert Mizzi et nomine**, Appell, 23 ta' April 2001; "*Dan il-gudikat jirrispondi tajjeb ghal precizazzjoni tal-grad tal-kolpa li ggib ir-responsabilita ghad-danni u n-ness tal-kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza. F'materja ta' danni akkwiljani l-*

*principju jibqa' dak dettat mill-istess ligi u cioe` li hu ritenut in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' bonus paterfamilias (Artikolu 1032(1), Kodici Civili)*". (**Busuttil v. Meilaq nomine PA**, 9 ta' Dicembru 2002). Tajjeb ukoll wiehed izid li "*Ghall-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe system of work' ghal dik li hi supervizjoni u adegwatezza ta' l-atrezzi jikkorrispondi l-obbligu ta' min jahdem illi xoghlu jikkonducih "b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovakax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati'*"". (**Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe**, Appell, 5 ta' Ottubru 2001);

Mill-punto di vista fattwali, din il-Qorti hi tal-fehma li n-nuqqas tal-appellant li jiehu hsieb li l-ambjenti fejn kienu qed jaghmlu x-xoghol taghhom l-appellat u l-kollegi tieghu suldati ma jkunx fihom hsarat jew nuqqasijiet illi jistghu jwasslu ghal xi incident bhal ma gara fil-kaz in kwistjoni irrendih responsabbli ghall-incident. Skont il-provi mhux ribattuti, l-appellat u shabu kienu gieli gibdu l-attenzjoni tas-superjuri taghhom ghall-hofra u ghall-istat tal-ambjenti msemmija izda inutilment. Ghalhekk kien dan in-nuqqas tal-appellant li wassal ghall-incident in kwistjoni.

Mhuwiex lanqas sostenibbli l-argument tal-appellant li hemm nuqqas ta' ness bejn dan in-nuqqas tal-appellant u l-incident. Donnu l-appellant qed jargumenta li l-appellat ma kienx messu pprova jzomm mal-bieba tal-vettura u jhalli lilu nniffsu jaqa'! Hija reazzjoni normali u

komprensibbli li persuna li tkun se taqa' zzomm mal-ewwel oggett li jkun vicin taghha. Lanqas il-fatt li l-attur qal li ma tax kaz tal-hofra ma ghandu jkun influwenti ghaliex wiehed ukoll ma jistennix li persuna toqghod il-hin kollu thares l-isfel ghalli jista' jkun ikun hemm xi hofra fit-triq. Hofor mhux suppost ikun hemm specjalment f'ambjenti ristretti kif kienu fil-kaz in ezami, u ghalhekk l-appellat ma kellu ebda tort f'dak li gara u zgur ma kienx hemm kontributorjeta` da parti tieghu fl-incident in kwistjoni. Ghalhekk, lanqas mill-punto di vista legali l-appellant ma ghandu ragun.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja l-komputazzjoni tad-danni akkordati lill-atturi. Naturalment kif spiss qalu l-Qrati taghna:

> "*Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tesisti l-ebda formula magika specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali*". (**Turner v. Agius**, Qorti tal-Appell 28 ta' Novembru 2003).

Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddeciedi kawza simili, qatt ma tista' tipprevedi t-tibdil kollu fic-cirkostanzi tal-hajja tal-persuna mwegga'. Dan il-hsieb huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uhud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat 'multiplier' ta' 35 sena. Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood** (Modern Tort Law) (ediz. 2009, pagna 438):

> "*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the*

> *appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*".

In linea generali l-Qrati ghadhom jaddottaw il-principji gwida stabbiliti fid-decizjoni klassika **Butler v. Heard**, Prim'Awla, 28 ta' Frar 1967, temprata bl-izvilupp innovattiv li jikkonsidra l-aspett tal-hajja lavorattiva ta' dak li jkun, almenu sal-eta` pensjonabbli. (**Emanuel Agius v. Joseph Galea et**, Qorti Kummerc, per Imhallef. G. Mifsud Bonnici, 11 ta' Lulju 1989; **Vincent Axisa v. Alfred Fenech et**, Prim'Awla, 16 ta' April 1991). B'danakollu l-Qorti tal-Appell kellha okkazjoni recentement tammonixxi illi "*anke hawn il-kriterju hu ghal kollox wiehed riskjuz u aleatorju, semplicement ghax wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-chances and changes tal-hajja huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz kellu jigi modellat*" - **Lawrence Caruana v. Anthony Falzon**, 5 ta' Ottubru 2001. (**Busuttil v. Meilaq noe supra**).

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f'sentenzi ta' din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja** (29 ta' Novembru 2009) u **Caruana v. Camilleri** (27 ta' Frar 2004) u **Attard v. D'Amato** (22 ta' Ottubru 2002). Fl-ewwel sentenza msemmija intqal infatti illi "*id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-danneggjat u l-obligu tal-dannegjant. Tenut kont ta' dan isegwi illi l-working life expectancy*

*ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat kollu ghall fini tal-multiplier*".

L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu jenfasizza hafna fuq il-fatt li l-appellat in kwantu suldat, kien se jkun intitolat ghall-pensjoni 5 snin biss wara li gara l-incident u f'kull kaz, seta' jibqa' jahdem biss sakemm kellu 55 sena u ghalhekk il-multiplier kellu jiehu kont ta' dan il-fatt. Madankollu kif qalet is-sentenza **Busuttil v. Meilaq** gia citata, "*Ikun opportun li qabel tigi determinata l-komputazzjoni jittiehed rigward tas-senjalazzjoni li saret mill-Qorti tal-Appell, fid-decizjoni fl-ismijiet*" **George Gatt v. Francis E. Carbone nomine**, 7 ta' Lulju 1998:-

> "*Il-fatt li l-appellant (il-Korporazzjoni Enemalta) qed thallas lill-appellat tax-xoghol li qed jahdem ma jfissirx li allura qed jirrizarcixxu xi danni lill-appellat ... Lanqas ma hu korrett l-appellant meta jasserixxi li l-appellat hdax-il sena wara l-incident ghadu f'impjieg garantit ghall-hajja lavorattiva tieghu kollha ghaliex minn imkien ma jirrizulta li din il-garanzija tezisti ... Id-dizabilita timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qliegh ahjar f'xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika, senjatament f'kaz ta' xoghol manwali, bhal dak ta' l-attur appellat*".

Ghalhekk skont dan l-insenjament li din il-Qorti taqbel mieghu, id-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet li persuna minghajr dik id-dizabilita` jista' jkollha fil-kamp lavorattiv u allura li jkun ifisser nuqqas ta' qliegh u dan allura indipendentement mill-kaz partikolari fejn id-dannegjat ikollu zmien determinat li jkompli jaghmel ix-xoghol li jkun qed jaghmel meta jsehh is-sinistru.

Madankollu fil-kaz in ezami l-appellat kellu 41 sena meta sehh l-incident u l-ewwel Qorti applikat "multiplier" ta' 23 sena li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa eccessiv; f'sitwazzjoni simili huwa aktar ekwu li jkun adottat multiplier ta' 19 u cioe` sakemm l-appellat ikollu 60 sena ghaliex kif jghidu s-sentenzi citati d-danneggjat qatt ma jista' jkun cert li jibqa' jahdem sakemm ikollu l-eta` pensjonabbli massima. Is-salarju tieghu kien ta' 9,722.80 euros kif spjegat fis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2013. Peress li d-dizabilita` giet stabbilita fir-rata ta' 4 fil-mija ghalhekk l-ammont pagabbli lill-appellat ghandu jkun 7,389.32 euros (9,722.80 X 19 X 4%).

L-argumenti l-ohra tal-appellant li r-rata ta' dizabilita` ghandha tkun inqas minhabba li l-ammont iffissat mill-espert tal-Qorti kien hafna anqas minn dak "ex parte" li kien sar snin qabel mhuwiex accettabbli ghaliex il-prova esperta li ghandha l-Qorti hija appuntu dik tal-kirurgu espert nominat minnha. Lanqas ma huwa accettat l-aggravju li ghandu jkun hemm tnaqqis ghal hlas f'daqqa, tenut kont li l-kawza ilha ghaddejja mis-sena 2003. Wiehed jista' f'dan is-sens jiccita s-sentenzi **Cini v. Wells** (29 ta' Mejju 2001) u **Davies v. Galea** (10 ta' Ottubru 1997) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civli u diversi sentenzi ohra. Kif ukoll qalet is-sentenza fl-ismijiet **Bartolo v. Zammit**, 30 ta' April 2001, Prim'Awla) "*Dan mhux qed isir biex jigi penalizzat il-konvenut imma*

*ghax mhux possibbli li jigi degretat il-hlas tal-imghax mid-data meta giet kagunata l-hsara*” (ara sentenzi **Caruana v. Camilleri PA** JSP 5/10/93 u **PA Desira v. Cassar** 13/1/95).

L-imghax fuq is-somma likwidata u pagabbli lill-atturi appellati ghandhom madankollu jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata kif deciz minnha; dan fuq l-iskorta ta’ diversi sentenzi ricenti ta’ din il-Qorti - ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta’ Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta’ Novembru 2003):

> “*Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet ‘da liquidare’ ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju ‘in liquidandis non fit mora’. Il-Qorti ziedet pero li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f’dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta’ danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita*”.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ l-appell interpost biss billi tordna li s-somma li ghandha tithallas lill-atturi appellati ghandha tkun ta’ 7,389.32 euros minflok dik deciza fis-sentenza tat-30 ta’ Jannar 2013 mill-bqija tikkonferma s-sentenzi appellati kompriz l-kap tal-ispejjez. L-imghaxijiet kif ordnati mis-sentenza appellata ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ dik is-sentenza appena msemmija; l-ispejjez tal-appell ukoll ikunu a

kariku tal-appellant tenut kont li l-varjazzjoni fis-sentenza appellata kienet relattivament minima.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb